MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Appell Civili Numru. 721/1999/2

**Glenn Bedingfield**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Generali u l-Prim Ministru,**
**u Dr. Eddie Fenech Adami proprio "kjamat in kawza" b'digriet tal-Prim Awla tal-11 ta' Awissu, 2000**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell minn sentenza moghtija fl-10 ta' Settembru, 2001 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet premessi. Ir-rikors promotorju gie intavolat quddiem l-imsemmija Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1999. Fih ir-rikorrent (illum appellant) Glenn Beddingfield ippremetta:

**"1. Illi hu jinsab imharrek bi proceduri kriminali u dan fit-termini tal-ligi tal-istampa, Kap. 248, wara li ppublika ktieb bl-isem "Il-Gurament" li gie pubblikat f'Lulju, 1999. Illi bhala professjoni huwa gurnalist, u l-meritu tal-kitba inkriminata kienet fuq materja ta' interess pubbliku, fuq kwestjonijiet li qajjmu dibattitu pubbliku, u li kienu jikkoncernaw aspetti tal-amministrazzjoni retta tal-gustizzja, u tal-limiti tal-poter ezekuttiv u l-poter gudizzjarju, u l-fatti gurnalistikament rilevanti, stante li kienu jikkoncernaw l-attentat ta' qtil fuq is-segretarju personali tal-Prim Ministru.**

**"2. Illi l-Prim Ministru sussegwentement ghamel proceduri kriminali ghall-libell.**

**"3. Illi skond l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, l-azzjoni ta' rimedju hija moghtija anke jekk ikun hemm il-possibilita` ta' ksur ta' dritt fondamentali, u certament m'ghandux l-esponenti jistenna li jintemmu l-proceduri kontra tieghu.**

**"4. Illi jekk il-ktieb inkriminat gie ppublikat f'Lulju, f'Lulju wkoll il-Qorti Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem f'ghadd ta' sentenza [<u>recte</u>: sentenzi] kontra t-Turkija irribadiet u stabbiliet principji li jaghmlu ghall-kaz odjern.**

**"5. Illi a skans ta' interpretazzjoni zbaljata, l-esponenti qed jannetti l-press release ta' l-istess Qorti, li ghalkemm dejjem hemm il-kawtela li ma torbotx il-Qorti, imma certament hija fidila lejn is-sentenza li qed tirrapporta. Illi minn dawn il-principji johrog car, li meta hemm mezzi ohra, specjalment fil-kaz tal-gvern, l-uzu tal-azzjoni penali fuq l-istampa huwa kontra l-Artkolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea, u ghalkemm il-**

**pajjiz membru ghandu dritt jaghmel il-ligijiet li jrid, l-uzu ta' tali ligijiet jista' jkun kontra l-Artikolu 10.**

**"6. L-esponenti jsostni li l-principji enuncjati japplikaw ghall-kaz tieghu, ghaliex huwa kien qed iwettaq dmir ta' informazzjoni, ta' analisi u kritika, u ghalhekk kellu jgawdi tali liberta` tal-espressjoni minghajr xkiel.**

**"7. Illi konsegwentement dik il-parti tal-Kap. 248, il-Ligi dwar l-Istampa, fil-provvedimenti penali fil-kaz in ezami wkoll tivvjola tali dritt."**

Premess dan, ir-rikorrent kien talab lill-Prim Awla sabiex tiddkjara:

**"1. li l-azzjoni kriminali proposta kontra l-esponenti ghal libell, pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, presjeduta mill-Magistrat Dr. Michael Mallia, tikser u qed tikser, jew x'aktarx tikser id-dritt fondamentali ta' l-esponenti ghall-liberta` tal-espressjoni kif provdut u sancit fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.**
**"2. taghti dawk ir-rimedji, tempestivi u opportuni, u taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega ghall-harsien ta' l-istess dritt fondamentali, inkluza jekk hemm bzonn id-dikjarazzjoni li l-azzjoni penali mill-Prim Ministru tal-pajjiz kontra gurnalista, ghalkemm inkorporata u mhux eskluza mill-Ligi ta' l-Istampa, tikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali imsemmi fl-Artikolu 10 tal-istess konvenzjoni."**

Fir-risposta taghhom tat-2 ta' Novembru, 1999 l-intimati (allura l-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Generali u l-Prim Ministru biss) issollevaw diversi eccezzjonijiet preliminari; dawn l-eccezzjonijiet gew decizi mill-Prim Awla b'sentenza tat-28 ta' Jannar, 2000 liema sentenza hija, hlief ghal punt wiehed li ser jissemma' aktar 'l quddiem f'din is-sentenza, irrelevanti ghall-meritu ta' l-appell odjern. Minn din is-sentenza appella kemm Glenn Bedingfield b'rikors tat-28 ta' Jannar, 2000, kif ukoll

appellaw incidentalment il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali. Din il-Qorti (diversament komposta), b’sentenza datata 31 ta’ Lulju, 2000, irriformat dik is-sentenza tal-Prim Awla billi, fost affarijiet ohra, regghet baghtet l-atti lura lill-Prim Awla sabiex din tiehu konjizzjoni u tiddeciedi dwar it-talbiet tar-rikorrent Bedingfield. B’effett ta’ dawn iz-zewg sentenzi – cioe` dik tal-Prim Awla tat-28 ta’ Jannar, 2000 u dik ta’ din il-Qorti tal-31 ta’ Lulju, 2000 – l-intimat Onorevoli Prim Ministru “f’dik il-kapacita`” gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju, izda din il-Qorti kienet ordnat li jigi kjamat fil-kawza “Dottor Eddie Fenech Adami proprio”. Effettivament, meta l-atti regghu waslu quddiem il-Prim Awla, din, b’digriet datat 11 ta’ Awissu, 2000, ordnat il-kjamata in kawza “ta’ l-Avukat Dottor Eddie Fenech Adami ‘personalment’” (ara l-verbal a fol. 94 tal-atti). Il-kjamat in kawza wiegeb ghar-rikors promotorju b’risposta datata 28 ta’ Settembru, 2000 (fol. 101).

Il-meritu tal-kawza gie deciz, kif diga inghad, b’sentenza tal-10 ta’ Settembru, 2001. Il-Qorti cahdet iz-zewg talbiet tar-rikorrent Bedingfield, bl-ispejjez kontra tieghu, u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

Illi in segwitu ghac-citazzjoni mahruga fit-13 ta’ Awissu, 1999, fuq talba tal-kwerelant Dr. Eddie Fenech Adami proprio ghaliex hassu difamat b’diversi siltiet fil-ktieb bl-isem ‘**Il-Gurament’**, miktub u pubblikat mir-rikorrent Bedingfield, dan ta’ l-ahhar istitwixxa dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti fejn qed jallega li b’din l-azzjoni penali kontrih fil-kapacita’ tieghu ta’ gurnalist li ghandu d-dmir li jghaddi informazzjoni, analisi w kritika lill-pubbliku, Dr. Fenech Adami kien kiser jew x’aktarx kien sejjer jikser id-dritt fondamentali tieghu ghall-liberta’ ta’ l-espressjoni kif provdut u sancit fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Hu car, mela, li r-rikorrent Bedingfield qed jibbaza l-ilment tieghu esklussivament fuq dak li jghid dan l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea, li din il-Qorti qeghda hawnhekk tirriproduci testwalment, u cioe’:

*“ 1. Everyone has the right to freedom of expression. This right shall include freedom to hold opinions and to receive and impart information and ideas without interference by public authority and regardless of frontiers..........*

*2. The exercise of these freedoms, since it carries with it duties and responsibilites, may be subject to such formalities, conditions, restrictions or penalties as are prescribed by law and are necessary in a democratic society, in the interests of national security, territorial integrity or public safety, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, for the protection of the reputation or rights of others, for preventing the disclosure of information received in confidence, or for maintaining the authority and impartiality of the Judiciary.”*

Illi ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat mal-ewwel li mhux il-kompitu ta’ din il-Qorti li toqghod tara jekk is-siltiet fil-ktieb ‘Il-Gurament,’ li minnhom qed jilmenta l-intimat Dr. Fenech Adami, iwasslux ghall-difamazzjoni jew le fic-cirkostanzi tal-kaz partikolari. Dak, se mai, tarah il-Qorti tal-Magistrati li quddiemha kienu bdew il-proceduri kriminali kontra Glenn Bedingfield wara l-kwerela ta’ Dr. Fenech Adami. Dan qed jintqal fid-dawl ta’ dak li kien gie stabbilit fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet Lingens -vs- Austria tat-8 ta’ Lulju, 1986, cioe’, li specjalment fejn si tratta ta’ xi personalitajiet pubblici, bhal ma huma persuni fil-qasam tal-politika, dawn jesponu ruhhom aktar minn haddiehor ghal skrutinju f’kull haga li jghidu jew li jaghmlu, u, ghalhekk, ghandhom jkunu preparati ghal dan u juru sens akbar ta’ tolleranza. F’dan ir-rigward dik is-sentenza tghid hekk testwalment :

*“The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance.”*

Dan il-principju gie segwit anke wara, bhal ma kien fil-kaz ta’ Oberschlick (ECHR 23 ta’ Mejju, 1991) fejn intqal hekk : *“The Court notes that a politician must display a greater degree of tolerance with regard to criticism, especially when he himself makes public statements that are susceptible of criticism*.*”*

Dak li qalu dawn iz-zewg sentenzi illum huwa ormai pacifiku w gie segwit anke f’sentenzi ohra sussegwenti tal-Qorti Ewropea.

Jigi rilevat hawnhekk, izda, li fil-kaz taz-zewg sentenzi msemmija, il-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea saru **wara** li l-Qrati domestici kienu gja’ iddecidew li kien hemm difamazzjoni, jew xi materjal libelluz, u kien proprju ghalhekk, wara li l-Qorti Ewropea ezaminat il-gravita’ o meno tal-kliem allegatament difamatorju jew libelluz, li dehrilha li fil-kaz ta’ persuni pubblici, bhal ma huma l-politici, tali kliem ma kienx jeccedi jew jaqbez il-livelli ta’ ‘accepted jew acceptable criticism’, ghaliex dawn il-persuni jesponu ruhom ta’ kuljum ghal skrutinju kontinwu f’dak li jghidu u jaghmlu, u, per konsegwenza, ghandhom juru tolleranza akbar minn kull individwu ordinarju.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti dak li qalghet il-Qorti Ewropea f’dan ir-rigward ma tantx hu rilevanti fil-kaz in ezami, dan principalment ghaliex il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati huma weqfin jistennew l-ezitu ta’ dan ir-rikors, u, ghalhekk, kuntrarjament ghaz-zewg sentenzi msemmija tal-Qorti Ewropea, ghad ma hemmx decizjoni jekk is-siltiet fil-ktieb ‘Il-Gurament’ humiex difamatorji jew le, tenut kont tal-figura politika tal-kwerelant Dr. Fenech Adami. Certament dawn iz-zewg sentenzi msemmija, u l-principju stabbilit minnhom, fuq kwotat, jiehdu ferm aktar rilevanza jew importanza kieku l-ewwel Qorti ma ssoprasjedietx u kompliet tisma’ l-proceduri penali u tat id-decizjoni taghha, assumendo, ghall-grazzja ta’ l-argument biss u xejn aktar, li kienet issib kaz ta’ difamazzjoni.

Minn naha l-ohra, li huwa rilevanti w importanti f’dan il-kaz huwa li din il-Qorti trid tara biss jekk bl-azzjoni li ha Dr. Fenech Adami kienx b’xi mod gie lez jew x’aktarx sejjer

jigi lez id-dritt ta'libera espressjoni tal-gurnalist Glen Bedingfield u dan ai termini ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Hu evidenti li l-iskop ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea hu principalment li jipprotegi l-liberta' ta' espressjoni. Il-Qorti Ewropea diversi drabi ddikjarat li l-liberta' ta' l-espressjoni, u anke ta' l-istampa, tirrikjedi protezzjoni specjali sabiex l-istampa, kif gie dikjarat fis-sentenza ta' dik il-Qorti fl-ismijiet "The Sunday Times –vs- The U.K." fis-26 ta'April, 1979, *"plays its vital role of public watchdog and to impart information and ideas on matters of public interest"*.

Effettivament l-importanza ta' media libera w indipendenti bhala pedament fondamentali w necessarju ghad-demokrazija hu fatt rikonoxxut w accettat certament ma' l-Ewropa kollha. B'dana kollu, izda, jezisti dibattitu shih jekk ghandux ikun hemm, u jekk hemm, safejn ghandhom jaslu, il-limiti ta' din il-liberta' moghtija lill-media, cioe', x'inhuma ezattament id-drittijiet u responsabilitajiet tal-media, tal-gurnalist. Din il-Qorti tifhem u taqbel li tali drittijiet ta' liberta' ta' espressjoni w stampa ghandhom jinghataw lill-gurnalist sabiex hu ikun jista' jezercita' l-professjoni tieghu adegwatament, bla xkiel u interferenzi, u biex, eventwalment, jghaddi informazzjoni, analisi jew kritika lis-socjeta`, lill-pubbliku. Din hi l-funzjoni, u anke l-obbligu, ta' kull gurnalist professjonali, cioe' li jghaddi tali informazzjoni, analisi jew kritika lill-pubbliku li, min-naha tieghu, ghandu d-dritt ghal tali informazzjoni, analisi jew kritika.

Mill-banda l-ohra, pero', indubjament dan id-dritt tal-gurnalist mhuwiex bla ebda limiti. Jekk xejn, kull gurnalist ghandu dawk li jissejhu 'ethical duties', li, effettivament, jikkostitwixxu l-limiti tad-dritt ta' l-espressjoni libera jew bla xkiel. F'hafna pajjizi, dawn il-limiti jew restrizzjonijiet huma stipulati fil-ligi, permezz ta' ligijiet li jkopru partikolarment reati bhal dak ta' difamazzjoni, ta' razzismu, u simili; izda f'hafna pajjizi ohra, ma hemm xejn bil-miktub x'inhuma dawn ir-restrizzjonijiet jew 'ethical duties', izda jithallew biss bhala kwistjoni ta' dak li jissejjah **'self-regulation'**,

cioe', li gurnalist professjonali suppost minn jeddu w wahdu ghandu jkun jaf safejn ghandu jasal fl-informazzjoni, fil-kritika jew analizi li jghaddi lill-pubbliku.

Fil-fatt it-tieni parti ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea jsemmi xi cirkostanzi fejn dan id-dritt fondamentali tal-liberta' ta' l-espressjoni jista' jigi ristrett, fosthom fejn si tratta ta' protezzjoni ghar-reputazzjoni w drittijiet tal-persuna. Ghalhekk, filwaqt li huwa minnu li l-gurnalist ghandu d-dritt u l-obbligu li jircievi u minghajr xkiel jew interferenzi jghaddi informazzjoni lis-socjeta`, li ghandha d-dritt li tircievi tali informazzjoni, sabiex tasal ghall-gudizzju taghha, mill-banda l-ohra, dan id-dritt ghall-espressjoni libera u minghajr interferenzi **mhux xi dritt assolut**. L-imsemmi Artikolu 10, fit-tieni parti tieghu, jirrikonoxxi d-dritt tal-persuna li tiddefendi ruha minn xi forma ta' gurnalizmu jew stampa li jhammeg ir-reputazzjoni jew drittijiet tieghu. Ghalhekk huwa permess ghal kulhadd, mhux biss ghall-awtoritajiet pubblici, li jiehu dawk il-passi kontra min bil-kitba jaghmel hsara lir-reputazzjoni tal-persuna. Veru li l-Artikolu 10 isemmi biss " Public Authority", izda il-Qorti Ewropea rreteniet li anke l-individwu ghandu d-dritt li jinterferixxi jew jagixxi personalment biex jipproteggi l-interessi tieghu. Dan qed jinghad irrespettivament mill-principju fuq imsemmi stabbilit fil-kaz ta' Lingens dwar il-grad ghola ta' tolleranza li ghandhom ikollhom persuni pubblici bhalma huma l-politici. Hija l-Qorti li imbaghad ghandha tara jekk dan il-principju japplikax f'xi kaz partikolari li jkollha quddiemha. Izda, minkejja dan, xorta jibqa' l-fatt li l-Artikolu 10, filwaqt li jirrikonxxi w jipproteggi d-dritt tal-liberta' ta' espressjoni minghajr interferenzi, ghaliex dan huwa essenzjali biex ikun hemm socjeta' demokratika, u ghall-esercizzju u qadi tal-professjoni tal-gurnalist, minn naha l-ohra, specjalment fit-tieni parti tieghu, jaccetta li dan id-dritt mhux xi wiehed assolut. Dan necessarjament ifisser li minbarra drittijiet, il-gurnalist ghandu wkoll responsabilitajiet, cioe' doveri sabiex b'dak li jikteb jassigura li ma jaghtix lok ghal xi wahda mic-cirkostanzi msemmija f'din il-parti ta' dan l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Din it-tieni parti ta’ dan l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tfisser, mela, li xi interferenza da parti ta’ l-Istat jew ta’ xi persuna fid-dritt ta’ l-espressjoni libera tal-gurnalist, jew kull mezz tal-media, tkun legittima jew accettabbli legalment meta tali indhil jew interferenza jkun necessarju f’socjeta’ demokratika. Dan l-Artikolu 10, fl-assjem tieghu, jistabbilixxi, ghalhekk, il-linji ta’ gwida jew kriterji sabiex jinholoq bilanc bejn id-dritt ta’ espressjoni libera moghti lill-media u lill-gurnalist minn naha l-wahda, u, minn naha l-ohra, id-drittijiet u interessi ta’ l-Istat, kif ukoll tal-persuna li tiddefendi lilha nnifisha. Dan huwa Artikolu li jiggarantixxi l-liberta’ ta’ l-espressjoni u li tinghata informazzjoni lis-socjeta`. Individwi, dawk li jissejhu Non-Governmental Organizations, u anke gruppi ta’ persuni jew individwi jistghu jinvokaw il-protezzjoni li jaghti dan l-Artikolu 10.

Il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tirrikonoxxi l-importanza li l-media tinghata l-protezzjoni li dan l-Artikolu 10 indubbjament jaghti. Kif intqal qabel, il-media, il-gurnalizmu, hu kunsidrat bhala mezz ferm importanti w essenzjali ghat-tixrid ta’ informazzjoni, kritika w analisi, kemm fuq materji politici kif ukoll fuq materji ta’ interess generali. U hu propju ghalhekk li kultant il-media hi meqjusa bhala “**a public watchdog**”. Pero’, sabiex il-gurnalist jezercita l-professjoni tieghu b’mod professjonali, irid ukoll izomm strettament u b’mod rigoruz mal-kriterji msemmija fit-tieni parti ta’ dan l-Artikolu. Kif intqal mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta’ Lingens :

*“ Whilst the press must not overstep the bounds set, inter alia, for the protection of the reputation of others, it is nevertheless incumbent on it to impart information and ideas on political issues just as on those in other areas of public interest. Not only does the press have the task of imparting such information and ideas ; the public also has a right to receive them”*.

Jibqa’ l-fatt ghalhekk li dan l-Artikolu 10 jiggarantixxi mhux biss id-dritt tal-gurnalist li liberament, bla xkiel jew interferenzi minn xi awtorita’ pubblika jew xi individwu jew grupp ta’ individwi, jew simili, jghaddi informazzjoni,

analisi jew kritika lill-pubbliku, izda jiggarantixxi wkoll li l-istess pubbliku ghandu d-dritt ghal din l-informazzjoni, analisi jew kritika, tkun xi tkun, kemm ta’ natura politika kif ukoll ta’ interess generali. Tali dritt, izda, mhux xi wiehed bla ebda limiti. L-istess Artikolu 10, fit-tieni parti tieghu, jghid b’mod ferm car safejn jista’ jasal il-gurnalist, x’inhuma dawk ic-cirkostanzi li jippermettu lil xi hadd li jinterferixxi f’dan id-dritt ta’ espressjoni libera, cirkostanzi li juru li, jekk javveraw ruhom, il-media jew il-gurnalist ikun oltrepassa il-livell ta’ “accepted jew acceptable criticism”. Dawn huma cirkostanzi li joholqu l-bilanc, l-element tal-bzonn jew tan-necessita`, tal-proporzjonalita’, rikjest bejn id-dritt ta’ espressjoni libera tal-gurnalist, tal-media, u d-dritt ta’ Istat jew tal-persuna li tipprotegi lilha nnifisha. Irid ikun hemm dan is-sens ta’ bilanc sabiex verament tezisti socjeta’ demokratika. Ghalhekk kull pajjiz demokratiku jaghmel dawk il-ligijiet, bhalma hi l-ligi tad-difamazzjoni u tal-libell, skond il-htigijiet tieghu sabiex jipproteggi l-interessi u reputazzjoni ta’ terzi. Hu l-obbligu ta’ kull pajjiz demokratiku li jara hu kif ghandu jipprotegi d-drittijiet tac-cittadini tieghu, dan dejjem in linea mal-kriterji w linji ta’ gwida msemmija fit-tieni parti ta’ l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea. Jekk persuna thoss li l-media tkun qabzet il-limiti ta’ “acceptable criticism” fil-konfront taghha, b’mod li xi drittijiet taghha jew ir-reputazzjoni taghha huma lezi, din, allura, ghandha kull dritt tagixxi kontra dak il-mezz tal-media.

Il-Konvenzjoni tirrikonoxxi d-dritt ta’ l-individwu li jinterferixxi fid-dritt fondamentali tal-liberta’ ta’ espressjoni, dejjem fil-parametri tat-tieni parti ta’ l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Sta ghall-Qorti imbaghad li trid tara jekk l-informazzjoni jew kritika li l-media tkun ghaddiet kienitx wahda li marret oltre il-livelli ta’ “acceptable criticism”, tenut kont tal-figura ta’ l-allegat difamat, jekk hux persuna pubblika jew xi individwu ordinarju, li ghandha tara jekk b’dak li l-media ppubblikat kienx inholoq in-necessita’ jew bzonn socjali ta’ xi forma ta’ interferenza mill-allegat difamat, jekk hemmx proporzjonalita’ bejn il-kliem allegatament offensiv u l-applikazzjoni tal-ligi minn naha ta’ l-offiz sabiex jipprotegi lilu nnifsu, fi ftit kliem jekk

hemmx il-bilanc tant rikjest ghall-ezistenza ta’ socjeta’ verament demokratika.

Dan hu kollu li kellha taghmel din il-Qorti f’dan il-kaz. Ma kelliex tara jekk is-siltiet fil-ktieb “Il-Gurament” kienux difamatorji jew le, tenut kont tal-figura pubblika jew politika ta’ Dr. Fenech Adami. Ma kelliex tara jekk b’dak li kiteb ir-rikorrent Glenn Bedingfield kienx ghadu entro dak stipulat fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea jew le, jekk kienx qabez jew le l-livelli ta’ “acceptable criticism”. Kif intqal qabel, dan l-ezercizzju, se mai, trid taghmlu l-Qorti tal-Magistrati fil-proceduri penali istitwiti fuq kwerela ta’ Dr. Fenech Adami. Kull ma kellha tistabbilixxi din il-Qorti hu jekk bl-azzjoni li ha Dr. Fenech Adami kienx qed jinterferixxi fid-dritt tar-rikorrent qua gurnalist li liberament jghaddi kull informazzjoni, kritika jew analisi, lill-pubbliku, li ghandu d-dritt li jirceviha u jasal ghall-konkluzzjoni tieghu.

Ghalhekk, tenut kont tal-principji kollha fuq imsemmija, u in vista tal-fatt li l-proceduri penali huma weqfin, certament, sa dan l-istadju ta’ din il-kwistjoni, din il-Qorti zgur ma tistghax taqbel mar-rikorrent li bl-azzjoni penali li ha Dr. Fenech Adami, sabiex jipprotegi r-reputazzjoni tieghu, b’xi mod gie lez jew x’aktarx sejjer jigi lez d-dritt ta’ l-espressjoni li r-rikorrent ghandu ai termini ta’ l-ewwel parti ta’ l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Dr. Fenech Adami hass li kien gie difamat, li r-reputazzjoni tieghu, bhala persuna fil-qasam tal-politika, sofriet jew setghet issofri hsara b’dak li kiteb Glenn Bedingfield fil-ktieb tieghu “il-Gurament”, u ghalhekk agixxa skond il-ligijiet tal-pajjiz. Il-Konvenzjoni Ewropea, kif interpretata mill-Qorti Ewropea, tirrikonoxxi li kull pajjiz ghandu d-dritt li jaghmel dawk il-ligijiet sabiex persuna tkun tista’ tipprotegi lilha nnifisha minn xi materjal ingurjuz, difamatorju jew libelluz, anzi theggeg lil kull pajjiz li jaghmel ligijiet ‘ad hoc’. Il-Konvenzjoni Ewropea taghti d-dritt lil kull persuna, kemm ordinarja, kif ukoll jekk tkun wahda fil-qasam tal-politika, li taghmel uzu minn dawn il-ligijiet jekk dik il-persuna thoss li xi gurnalist, jew xi mezz iehor tal-media, oltrepassa jew tbieghed mid-doveri w obbligi li ghandu w li huma garantiti mill-ewwel parti ta’ l-Artikolu 10 tal-

Konvenzjoni Ewropea, u dan kif jirrizulta b'mod ferm car mit-tieni parti ta' dan l-Artikolu fejn l-istess Konvenzjoni taccetta li jkun hemm restrizzjoni f'dan id-dritt ta' espressjoni libera meta si tratta ta' protezzjoni ghar-reputazzjoni jew drittijiet tal-persuna. Jekk l-informazzjoni moghtija mill-gurnalist jew xi mezz iehor tal-media kienitx entro il-livelli ta' "acceptable criticism" jew le hija haga ohra, specjalment fil-kaz odjern. Dak l-istadju ghadu ma wasalx. Pero', sal-punt safejn waslu dawn il-proceduri, certament ma jistghax jinghad li bl-azzjoni li ha Dr. Fenech Adami kien hemm xi vjolazzjoni ta' Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea. Bl-azzjoni li hu ha kien qieghed biss jezercita d-dritt li jaghtih dan l-istess Artikolu fit-tieni parti tieghu, u sa hawnhekk ma hemm ebda ksur tal-Konvenzjoni Ewropea.

Minn din is-sentenza appella r-rikorrent Glenn Bedingfield, b'rikors presentat fl-20 ta' Settembru, 2001. L-appell jghid, fil-parti sostantiva tieghu, semplicement hekk:

**"Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti f'dan li gej:**

**1. L-esponent kien qajjem li l-Imhallef kien ippronunzja ruhhu fil-mertu sa tal-grad fl-ewwel sentenza li giet appellata li b'ebda mod ma kellu jibqa' jisma' l-kaz hu stess peress li dan hu kontra kull principju ta' gustizzja;**
**2. L-ewwel Onorabbli Qorti jidher li ma tatx il-piz mehtieg lill-ligi taghna li <u>suppost tipprevjeni</u> l-ksur ta' drittijiet fondamentali u mhux wara tiddikjara li kien hemm ksur;**
**3. Il-posizzjoni li tohrog mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea mbghad hija li (a) il-politici ghandhom jistennew attakki akbar fuq l-operat taghhom, (b) illi s-sanzjonijiet anke ta' habs huma theddida ghall-liberta` u mhux mehtiega f'socjeta` demokratika.**

**Dan hu li talab l-esponent, mhux li l-ewwel ikun ikkundannat penalment u wara jinghata ragun."**

Dan hu kull ma jghid l-appellant fl-appell tieghu.

Din il-Qorti bla tlaqliq tikkunsidra dana l-appell bhala wiehed li jirrazenta l-fieragh. Dwar l-ewwel aggravju, ghalkemm huwa veru li fin-nota tieghu tat-30 ta’ Marzu, 2001 l-appellant (allura rikorrent) kien accenna vagament ghall-possibilita` ta’ astensjoni[1], huwa qatt ma ta, kif kellu kull opportunita` li jaghti, l-eccezzjoni tar-rikuza. Jigi precizat li din in-nota (cioe` tat-30 ta’ Marzu, 2001) giet prezentata wara li kienu diga nzammu zewg udjenzi quddiem il-Prim Awla wara li l-atti kienu gew rinvjati minn din il-Qorti lill-imsemmija Prim Awla – u cioe` l-udjenza ta’ l-14 ta’ Dicembru, 2000 (fol. 106) u dik tal-15 ta’ Marzu, 2001 (fol. 161). F’ebda wahda minn dawn iz-zewg udjenzi r-rikorrent ma qanqal xi kwistjoni ta’ rikuza jew astensjoni. Anzi, fl-udjenza tal-15 ta’ Marzu, 2001, meta suppost il-partijiet kellhom iressqu l-provi taghhom, anqas biss deher ir-rikorrent jew l-avukat tieghu, Dott. Joseph Brincat; u l-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali ghall-21 ta’ Mejju, 2001, bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta’ sottomissjonijiet finali. Fin-nota responsiva tieghu tal-5 ta’ April, 2001 (fol. 208) l-Avukat Generali stieden lir-rikorrent jikkwota “chapter and verse” fejn dik il-Qorti, kif allura presjeduta, kienet b’xi mod dahlet fil-mertu fis-sentenza preliminari taghha. Fl-udjenza tal-21 ta’ Mejju, 2001 (fol. 210) ir-rikorrent u l-avukat tieghu ghall-bidu regghu ma deherux; u l-Imhallef sedenti ddikjara li ma kien hemm ebda lok ta’ astensjoni. Kien biss wara li l-Qorti kienet awtorizzat lid-difensur tal-kjamat in kawza biex jaghmel is-sottomissjonijiet finali tieghu li dahal fl-awla l-avukat tar-rikorrent; u skond il-verbal ir-rikors gie trattat, u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-10 ta’ Settembru, 2001 meta effettivament inghatat. Dan kollu qed jinghad ghax ma hux konducenti ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja li jintefghu minn parti jew ohra – f’dan il-kaz mir-rikorrent u issa appellant Glenn Bedingfield – eccezzjonijiet jew

[1] F’dik in-nota, ir-rikorrent qal hekk: “1. Illi din l-Onorabbli Qorti, kif presjeduta, fl-ewwel sentenza preliminari li tat, dahlet sostanzjalment fil-mertu, u ghamlet diversi kummenti li jmissu l-mertu. Jidher manifest li din l-Onorabbli Qorti kienet tal-fehma li l-process kriminali ghandu jitkompla, ghaliex wara kollox dak hu l-aditu li suppost wiehed jghaddi minnu. 2. F’tali cirkostanzi, ghalhekk, huwa xieraq li l-Imhallef sedenti f’din l-Onorabbli Qorti ex officio jiddikjara li qed jastjeni mis-smigh tal-kawza ulterjorment. 3. Minkejja kollox, u anke jekk din il-Qorti trid tkompli, l-esponenti ghall-kull buon fini qed jaghmel riferenza ghal zewg sentenzi tal-Qorti Ewropea…”.

aggravji bl-addocc biex bhallikieku fejn laqghat laqghat. Tali eccezzjonijiet u aggravji ma humiex hlief ta' telf ta' zmien ghall-qorti li tkun. Din il-Qorti, fi kwalunkwe kaz, hadet l-izbriga taqra dettaljatement is-sentenza preliminari tal-Prim Awla tat-28 ta' Jannar, 2000, u minn imkien f'dik is-sentenza ma jista' jinghad li l-ewwel Qorti, kif allura presjeduta, kienet b'xi mod dahlet jew ippronunzjat ruhha fil-mertu tal-kawza. Anzi dik il-Qorti qaghdet attenta hafna li ma taghmilx hekk, u addirittura ghamlitha cara anke fis-sentenza stess li kienet qed toqghod attenta biex b'ebda mod ma tidhol fil-mertu. Hekk per ezempju, meta kienet qed tikkonsidra t-tieni eccezzjoni sollevata mill-intimati, il-Qorti qalet hekk: *"Ghal fini ta' din l-eccezzjoni, f'dan l-istadju, din il-Qorti ghandha tezamina biss il-mod kif hi maghmula c-citazzjoni in kwistjoni, u ghalhekk m'ghandha tikkunsidra xejn li b'xi mod jirrifletti l-meritu ta' dawn il-proceduri…Il-Qorti hawnhekk ma taqbilx mar-rikorrent. Gja` ppremettiet li f'dan l-istadju preliminari ta' l-eccezzjonijiet, mhux il-kaz li jigi kunsidrat xi aspett fil-meritu, izda ghandu jigi kunsidrat biss dak li gie eccepit."* Din il-Qorti ghalhekk tara li dana l-ewwel aggravju huwa assolutament bla bazi.

Kwantu ghat-tieni aggravju, huwa veru li s-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 jitkellem dwar allegazzjoni ta' dak li jkun li xi dritt fondamentali tieghu "x'aktarx ser jigi miksur", izda din l-espressjoni qatt ma giet interpretata, sia fil-kuntest ta' l-imsemmi Artikolu 4 u sia fil-kuntest tad-disposizzjoni analoga fil-Kostituzzjoni, li l-Prim Awla (fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha) jew din il-Qorti ghandhom jiddeciedu kwistjonijiet jew fl-astratt jew fl-ipotesi li tavvera ruhha xi kontingenza partikolari. Biex wiehed jista' jallega li "x'aktarx ser jigi miksur" xi dritt fondamentali il-fatti jridu jkunu tali li jistghu jwasslu ragjonevolment ghal stat ta' fatt determinat, liema stat ta' fatt ikun jikkozza ma xi wiehed jew aktar mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Dak li qed jippretendi l-appellant, invece, hu li ghax hu gurnalist, ghax kiteb ktieb (li din il-Qorti qatt ma ratu ghax l-appellant qatt ma ressaq provi[2]) li jitratta dwar affarijiet ta' interess pubbliku, jew li

[2] Ara l-verbal ta' l-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2001.

qajjmu dibattitu pubbliku, jew li jikkoncernaw l-amministrazzjoni tal-gustizzja u l-poter ezekuttiv u gudizzjarju, ma jistghux jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu ghal diffamazjoni bil-mezz ta' l-istampa fuq kwerela ta' persuna li thossha ingurjata, f'dan il-kaz fuq kwerela tal-Avukat Dott. Eddie Fenech Adami. X'intqal jew x'ma intqalx f'dan il-ktieb, din il-Qorti ma tafx. Jista' jaghti l-kaz, per ezempju, li f'dan il-ktieb jinghadu fatti veri u li dak li qed jilmenta minnu l-kwerelant jammonta biss ghal espressjoni ta' opinjoni li, fid-dawl tal-gurisprudenza kemm tal-Qrati taghna kif ukoll tal-Qorti ta' Strasbourg, ma jistax jitqies li hu libelluz. Dak li jrid l-appellant huwa kwazi forma ta' <u>inibizzjoni</u> kontra l-appellati biex dawn ma jipprocedux bil-proceduri penali kontra tieghu. Kif tajjeb qalet l-ewwel Onorabbli Qorti f'dan ir-rigward: *"…li huwa rilevanti w importanti f'dan il-kaz huwa li din il-Qorti trid tara biss jekk <u>bl-azzjoni li ha Dr. Fenech Adami</u> kienx b'xi mod gie lez jew x'aktarx sejjer jigi lez id-dritt ta' libera espressjoni tal-gurnalist Glenn Bedingfield u dan ai termini ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem."* (sottolinear ta' din il-Qorti). U aktar tard fl-istess sentenza jinghad hekk: *"Kullma kellha tistabilixxi din il-Qorti hu jekk <u>bl-azzjoni li ha Dr. Fenech Adami</u> kienx qed jinterferixxi fid-dritt tar-rikorrent qua gurnalist li liberament jghaddi kull informazzjoni, kritika jew analisi, lill-pubbliku, li ghandu d-dritt li jirceviha u jasal ghall-konkluzzjoni tieghu. Ghalhekk, tenut kont tal-principji kollha fuq imsemmija, u in vista tal-fatt li l-proceduri penali huma weqfin, certament, <u>sa dan l-istadju ta' din il-kwistjoni</u>, din il-Qorti zgur ma tistghax taqbel mar-rikorrent li bl-azzjoni penali li ha Dr. Fenech Adami, sabiex jipprotegi r-reputazzjoni tieghu, b'xi mod gie lez jew x'aktarx sejjer jigi lez id-dritt ta' espressjoni li r-rikorrent ghandu ai termini ta' l-ewwel parti ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea."* (sottolinear ukoll ta' din il-Qorti). Din il-Qorti taqbel perfettament ma' din l-esposizzjoni tal-fatti u tal-ligi fil-kaz *de quo*. Ghalhekk it-tieni aggravju ta' l-appellant qed jigi respint.

It-tielet u l-ahhar aggravju hu, bazikament, fis-sens li <u>skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea</u>, politici ma jistghu qatt jiddefendu ruhhom kontra malafama permezz tal-ligi penali. Din l-asserzjoni pero`, ma giet bl-ebda mod

sorretta b'xi gurisprudenza li ngiebet a konjizzjoni tal-Qorti mill-appellant. Filwaqt li huwa veru li, fejn si tratta ta' opinjoni jew "value judgements", il-politici ghandhom jistennew li joqghdu ghal aktar kritika harxa minn nies li ma humiex fil-politika, dan ma jfissirx li huma m'ghandhomx dritt li jipprotegu r-reputazzjoni taghhom bl-istess ligi penali li tipprotegi r-reputazzjoni ta' haddiehor. Kif jispjegaw Ben Emerson u Andrew Ashworth fil-ktieb taghhom ***Human Rights and Criminal Justice*** (Sweet & Maxwell, London, 2001, p. 241, para. 8-48):

**Prosecutions for criminal defamation are not uncommon in [other] Council of Europe member states. Such prosecutions will be compatible with Article 10 only in so far as they relate to untruthful and seriously damaging allegations of fact. In *Lingens and Leitgens v. Austria* ((1982) 4 E.H.R.R. 373 at 393) the applicants were prosecuted for libel following the publication of an article which alleged that a politician had lied in a public speech. The Commission held that such a prosecution had the legitimate aim of protecting the reputations of others. A distinction had to be drawn "between the necessity of the legal regulations as such, and the necessity of their application in the particular case". In view of "the fundamental importance [of free expression] in the field of political discussion" the Commission considered it to be "of the utmost importance that these restrictive regulations should only be applied where it is really necessary in the particular case". Politicians, in particular, must be prepared to accept even harsh criticisms of their public activities and statements. Such criticism could not be characterised as defamatory unless it threw considerable doubt on their character and integrity. However, since the article had presented as established fact the untruthful allegation that the politician had lied, a criminal prosecution was justified.**

Bhalma kien hemm kazijiet fejn il-Qorti Ewropea qalet li, fil-kaz konkret, kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 10 bil-prosekuzzjoni (jigifieri permezz ta' procedura penali) u s-

sejbien ta' htija minhabba xi haga li dak li jkun qal jew kiteb (ez. ***Lingens v. Austria*** (8/7/1986), ***Oberschlick v. Austria (no. 2)*** (1/7/1997), ***Thorgeir Thorgeirson v. Iceland*** (25/6/1992)), kien hemm ukoll kazijiet fejn tali prosekuzzjoni u sejbien ta' htija gew ritenuti li ma kienux jiksru l-Artikolu 10 (ez. ***Barfod v. Denmark*** (22/2/1989), ***Prager and Oberschlick v. Austria*** (26/4/1995), ***Peree v. The Netherlands*** (17/11/1998). Ghalhekk, it-tielet aggravju ta' l-appellant, bil-mod generiku kif inhu migjub, huwa infondat. Huwa veru li, fil-kaz konkret, wiehed irid jara, fost affarijiet ohra, jekk l-interferenza mal-liberta` ta' espressjoni mill-ligi penali tkunx "mehtiega f'socjeta` demokratika", jigifieri jekk ikunx hemm dak li l-gurisprudenza ta' Strasbourg komunement issejhilha "a pressing social need". Pero` altru dan, u altru li wiehed aprioristikament jghid, kif qed jippretendi l-appellant, li r-reputazzjoni ta' persuna pubblika jew ta' politiku ma tista' qatt tigi protetta bl-applikazzjoni tal-ligi penali. Wara kollox, ir-reputazzjoni tal-persuna ghandha wkoll funzjoni importanti f'socjeta` demokratika. Kif qal Lord Nicholls of Birkinhead fil-kawza ***Reynolds v. Times Newspaper Limited and Others***, deciza mill-House of Lords fit-28 ta' Ottubru, 1999:

**Reputation is an integral and important part of the dignity of the individual. It also forms the basis of many decisions in a democratic society which are fundamental to its well-being: whom to employ or work for, whom to promote, whom to do business with or to vote for. Once bismirched by an unfounded allegation in a national newspaper, a reputation can be damaged forever, especially if there is no opportunity to vindicate one's reputation. When this happens, society as well as the individual is the loser. For it should not be supposed that protection of reputation is a matter of importance only to the affected individual and his family. Protection of reputation is conducive to the public good. It is in the public interest that the reputation of public figures should not be debased falsely. In the political field, in order to make an informed choice, the electorate needs to be able to identify the good as well as the**

**bad. Consistently with these considerations, human rights conventions recognise that freedom of expresson is not an absolute right. Its exercise must be subject to such restrictions as are prescribed by law and are necessary in a democratic society for the protection of the reputation of others.**

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell ghandhom jithallsu mill-appellant.

--------------------------------TMIEM--------------------------------